**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum il-Hamis, 7 ta' Marzu, 2019**

Numru 7

**Rikors Guramentat Nru. 427/2018**

**ZP Services Limited**

**vs**

**Gennaro Lanza**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tas-socjeta attrici tal-4 ta' Mejju, 2018 li jghid hekk:

Dikjarazzjoni
1. Illi s-socjeta attrici kienet impjegat lill-konvenut Gennaro Lanza ghall-perjodu ta' sentejn (2) permezz ta' kuntratt definit iffirmat fl-10 ta' Awwissu 2016 Dok. A;

2. Illi l-kuntratt su riferit ghadu fil-perjodu operattiv tieghu stante li jiskadi fid-8 ta' Awwissu 2018;

3. Illi fl-20 ta' Dicembru 2016 il-konvenut unilateralment u minghajr raguni valida u tajba skont il-ligi ittermina l-impieg tieghu;

4. Illi ai termini tal-Artikolu 36(12) tal-Kapitolu 452 tal-Ligijiet ta' Malta l-konvenut irid ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' hamest elef u mitejn ewro (€5,200) li jirrapprezentaw nofs il-paga kollha li kien ikollok jedd ghaliha li kieku il-konvenut bqajt fl-impieg ghall-bqija taz-zmien hekk espressament miftiehem fil-kuntratt suriferit;

5. Illi in oltre s-socjeta attrici ghandha provi li wara li temm l-impieg tieghu l-konvenut ghamel kuntatt ma' impjegati u klijenti taghha u bi skop illecitu u malizjuz hajjarhom ihallu l-impieg taghhom mas-socjeta mittenti u dan sabiex jigu ingaggati minnu

f'kumpanija imwaqqfa minnu u li topera f'attivitajjiet li jikkompetu ma' dik tas-socjeta mittenti;

6. Illi dan l-agir dizonest jikser klawsola 7 tal-kuntratt ta' l-impieg suriferit a tenur ta' liema bhala impjegat tas-socjeta attrici l-konvenut kellu access ghal certu informazzjoni kunfidenzjali liema informazzjoni tappartjeni lis-socjeta attrici u li ma ghandhiex tigi mizmuma minnu wara t-terminazzjoni tal-impieg tieghu;

7. Illi in oltre dan l-agir jikser ukoll id-dispozizzjonijet tan-Non-Disclosure Declaration li l-konvenut iffirma fl-20 ta' Dicembru 2016 u a tenur ta' liema huwa intrabat li ma juzax informazzjoni kunfidenzjali ghall-gwadan personali tieghu (Dok. B);

8. IIIi dan l-agir dizonest jikser ukoll id-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 1124A tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

9. IIIi bhala konsegwenza ta' dan l-agir is-socjeta attrici soffriet diversi danni stante li l-uzu tal-informazzjoni kunfidenzjali dwar impjegati u klijenti li l-konvenut kellu f'idejh irrrizulta biex xi impjegati tas-socjeta attrici jitilqghu l-impieg taghhom minn maghha sabiex imorru jahdm ma' kumpanija ohra li fetah il-konvenut;

10. IIIi ghalhekk is-socjeta attrici kellha per forza tiftah din il-kawza.

Raguni tat-talba
Illi s-socjeta attrici kienet impjegat lill-konvenut Gennaro Lanza ghall-perjodu ta' sentejn (2) permezz ta' kuntratt definit iffirmat fl-10 ta' Awwissu 2016 Dok. A.

2. IIIi l-kuntratt su riferit ghadu fil-perjodu operattiv tieghu stante li jiskadi fit-8 ta' Awwissu 2018.

3. Illi fl-20 ta' Dicembru 2016 il-konvenut unilateralment u minghajr raguni valida u tajba skont il-ligi ittermina l-impieg tieghu.

4. IIIi ai termini tal-Artikolu 36(12) tal-Kapitolu 452 tal-Ligijiet ta' Malta l-konvenut irid ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' hamest elef u mitejn ewro (€5,200) li jirrapprezentaw nofs il-paga kollha li kien ikollok jedd ghaliha li kieku l-konvenut baqa' fl-impieg ghall-bqija taz-zmien hekk espressament miftiehem fil-kuntratt suriferit.

5. Illi in oltre s-socjeta attrici ghandha provi li wara li temm l-impieg tieghu il-konvenut ghamel kuntatt ma' impjegati u klijenti taghha u bi skop illecitu u malizjuz hajjarhom ihallu l-impieg taghhom mas-socjeta mittenti u dan sabiex jigu ingaggati minnu f'kumpanija imwaqqfa minnu u li topera f'attivitajjiet li jikkompetu ma' dik tas-socjeta mittenti.

6. Illi dan l-agir dizonest jikser klawsola 7 tal-kuntratt tal-impieg suriferit a tenur ta' liema bhala impjegat tas-socjeta attrici l-konvenut kellu access ghal certu informazzjoni kunfidenzjali liema informazzjoni tappartjeni lis-socjeta attrici u li ma ghandhiex tigi mizmuma minnu wara t-terminazzjoni tal-impieg tieghu.

7. Illi in oltre dan l-agir jikser ukoll id-dispozizzjonijet tan-Non-Disclosure Declaration li l-konvenut iffirma fl-20 ta' Dicembru 2016 u a tenur ta' liema l-konvenut intrabat li ma juzax informazzjoni kunfidenzjali ghall-gwadan personali tieghu (Dok. B).

8. Illi dan l-agir jinvoka d-dritt awtomatiku tas-socjeta attrici ghad-danni pre-likwidati li jammontaw ghal sena paga u cioe s-somma ta' disat elef u sitt mija (€9,600) a tenur ta' klawsola 6.11 tal-kuntratt tal-impieg suriferit.

9. Illi dan l-agir dizonest jikser ukoll id-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 1124A tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

10. Illi bhala konsegwenza ta' dan l-agir is-socjeta attrici soffriet diversi danni stante li l-uzu tal-informazzjoni kunfidenzjali dwar impjegati u klijenti li l-konvenut kellu f'idejh irrrizulta biex xi impjegati tas-socjeta attrici jitilqu l-impieg taghhom minn maghha sabiex imorru jahdmu ma' kumpanija ohra li fetah il-konvenut.

11. Illi nonostante d-diversi interpellazzjonijiet permezz ta' ittri legali datata 6 ta' Frar 2017 u ittri ufficjali datati 21 ta' Lulju 2017, 29 ta' Awwissu 2017 u 4 ta' Dicembru 2017 rispettivament il-konvenut baqa' inadempjenti.

Talbiet
Ghaldaqstant, l-esponenti umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tiddikjara li l-konvenut naqas milli jottempora ruhu mal-kundizzjonijiet tal-kuntratt tal-impieg iffirmat minnu mas-socjeta attrici.

2. Tiddikjara illi l-konvenut ghandu jhallas lis-socjeta attrici nofs il-paga kollha li kien ikollok jedd ghaliha li kieku l-konvenut baqa' fl-impieg ghall-bqija taz-zmien hekk espressament miftiehem fil-kuntratt suriferit.

3. Tiddikjara illi l-konvenut ghandu jirritorna kull informazzjoni kunfidenzjali li ghandu u li tappartjeni s-socjeta attrici.

4. Tiddikjara illi l-konvenut ghandu jhallas lis-socjeta attrici danni pre-likwidati fl-ammont ta' disat elef u sitt mitt ewro (€9,600) bhala danni kkagunati minnu stante li l-uzu tal-informazzjoni kunfidenzjali dwar impjegati u klijenti li l-konvenut kellu f'idejh irrizulta biex xi impjegati tas-socjeta attrici jitilqu l-impieg taghhom minn maghha sabiex imorru jahdmu ma' kumpanija ohra li fetah il-konvenut.

5. Tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' hamest elef u mitejn ewro (€5200) li jirrapprezentaw nofs il-paga kollha li kien ikollu jedd-ghaliha li kieku l-konvenut baqa’ fl-impieg ghall-bqija taz-zmien hekk espressament miftiehem fil-kuntratt suriferit.

6. Tillikwida d-danni ulterjuri spettanti lis-socjeta attrici konsistenti f’telf li soffriet minhabba l-agir abbuziv tal-konvenut a tenur ta’ dak provdut fin-Non-Disclosure Declaration li l-konvenut iffirma fl-20 ta’ Dicembru 2016.

7. Tikkundanna lill-konvenut intimat, sabiex ihallas kwalunkwe somma li tigi likwidata in linea ta’ danni.

Bl-ispejjez, inkluz tal-ittra interpellatorja datata 22 ta' Jannar 2017 u ittra ufficjali datati 29 ta' Awwissu 2017 u 4 ta' Dicembru 2017 rispettivament kontra l-konvenut intimat u li hu minn issa ingunt ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut li tghid hekk:

1. Illi preliminarjament l-eccipjenti jissottometti li jirrizulta ictu oculi li l-hames talba hija wahda frivola, malizzjuza u legalment insostenibbli proprju ghaliex meta l-eccipjenti kien ghadu jinsab fi zmien ta' prov ai termini tal-istess kuntratt ta' impjieg citat diversi drabi fir-rikors promotur. Ghalhekk l-Artikolu 36(12) tal-Kap. 452 ma jista qatt japplika f'dan il-kaz;

2. Sussidjarjament u minghajr pregudizzju ghall-premess l-eccipjenti ma kiser ebda obbligi u wisq aktar qatt ma ghamel kuntatt ma' impjegati u klijenti tas-socjeta rikorrenti biex ihajjarhom ihallu l-impjieg taghhom mas-socjeta rikorrenti u jissiehbu mieghu. Lanqas ma ghandu f'idejh informazzjoni kunfidenzjali li tappertjani lis-socjeta rikorrenti kif qed jigi allegat fir-ragunijiet tat-talba tar-rikors guramentat;

3. Illi in iure l-klawzola kontrattwali citata, u cioe klawsola numru 7, bhala wahda mill-bazijiet tat-talba rikorrenti mhix azzjonabbli ghaliex hija illegali, u dak li huwa illegali ma jista' qatt ikun is-suggett ta' kuntratt skont kif jipprovdi l-artikolu 985 tal-Kap. 16. Illi tali illegalita tiskaturixxi mill-artikolu 19 tal-Kap. 485 illi jipprovdi li klawzola kontrattwali li tipprovdi lill-principal id-dritt li jinfliggi multa fuq impjegat, tehtieg il-permess preventiv tad-Direttur tax-Xoghol, liema permess ma jezistix. Fil-gurisprudenza gie wkoll assodat illi dan japplika anke ghal klawzoli li jidhlu fl-effett wara t-terminazzjoni tal-impjieg, ghaliex kuntratt irid jinqara quid unum;

4. Illi minghajr pregudizzju u subordinatament, l-istess klawzola citata hija wkoll kontra l-ordni pubbliku billi hija "in restraint of trade", u waqt it-trattazzjoni tal-kawza ssir riferenza ghall-gurisprudenza "in subjeta materia", u ghalhekk hija ghal darba ohra nulla u invalida u "pro non scripta" ai termini tal-artikolu 985 gja citat ;

5. Illi minghajr pregudizzju u subordinatament, in facto, l-allegazzjonijiet tas-socjeta attrici fil-paragrafi 5 u 6 tar-raguni tat-talba tar-rikors guramentat huma generici u l-esponent jirriserva li jwiegeb fid-dettal ghal kull imputazzjoni preciza li tista' talvolta issirlu, izda jiddikjara minn issa illi tali imputazzjonijiet, huma x'inhuma, ser jirrizultaw infondati fil-fatt billi ma sehh l-ebda att ta' soliciting jew interfering da parti tal-konvenut esponent.

6. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra l-partijiet l-ohra fil-kawza skont il-Qorti jidhrilha opportuna.

Rat l-atti u u semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza fuq it-tieni u l-hames talbiet tas-socjeta attrici tenut in konsiderazzjoni l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut.

**Ikkunsidrat**

Din hi kawza fejn is-socjeta attrici qed tirriklama danni u penali minghand ex impjegat taghha ghal diversi ragunijiet fosthom li l-konvenut telaq l-impjieg tieghu qabel l-iskadenza tal-perjodu ta' ftehim; u li l-istess konvenut uza informazzjoni tal-principal tieghu biex ingagga impjegati tal-istess socjeta attrici f'kumpanija imwaqqfa minnu fl-attivita kompetitiva ma' dik attrici, u uzufruixxa mill-istess informazzjoni biex jaghmel gwadann bi hsara ghas-socjeta attrici.

Din is-sentenza hi limitata ghat-tieni u l-hames talbiet attrici cioe hlas ta' nofs il-paga ghaz-zmien li kien ghad baqa' mill-kuntratt tal-impjieg billi l-konvenut qabad u ittermina l-impjieg tieghu bla raguni. Is-socjeta attrici qed tinvoka l-artikolu 36(12) tal-Kap. 452 bhala bazi ghal din it-talba.

Bhala fatt jirrizulta illi l-konvenut kellu kuntratt ta' impieg definit mis-socjeta attrici ghal perjodu ta' sentejn li jibda mill-10 ta' Awwissu 2016 u li jittermina fid-9 ta' Awwissu 2018. Bhala fatt jirrizulta wkoll illi l-konvenut ittermina l-impjieg fl-20 ta' Dicembru 2016, cioe erba' xhur wara li beda fl-impjieg.

Il-kuntratt ta' impjieg a fol. 10 tal-process jiddetermina l-kundizzjonijiet maqbula bejn il-partijiet, senjatament l-artikolu 2 tal-imsemmi kuntratt kien jiddetermina l-perjodu tal-ftehim ta' xoghol. Dan l-artikolu jighid hekk:

> 2.1 The duration of the contract will be for definite period of employment commencing from 10/08/2016 and ending on 09/08/2018 (twenty-four months). Should any of the parties decide not to renew the contract they are to give notice to the other in writing at least two months prior to the termination of the original or renewed period, as may be the case.
>
> 2.2 The parties agree to a probationary period of six (6) consecutive months commencing from the date of commencement of employment, during which either party may terminate this agreement at any time and without obligation of having to pay any indemnity.

Qari ta' dan l-artikolu cioe paragrafu 2.2 kien jaghti l-fakolta lil kull parti li tittermina l-ftehim unilateralment bla ebda konsegwenza ta' obbligu ta' indennizz entro l-ewwel sitt xhur ta' impjieg. Dan il-ftehim hu car u jorbot lil partijiet. Il-konvenut ittermina l-impjieg tieghu entro l-ewwel sitt xhur kif kellu dritt li jaghmel u ghalhekk is-socjeta

attrici ma kellha ebda jedd titlob hlas ta' nofs il-paga sa tmien il-perjodu ta' impjieg bhala indennizz meta tali dritt fic-cirkostanzi fattwalli tal-kaz hu eskluz bi ftehim. Ghalhekk it-tieni u l-hames talbiet attrici huma bla fondament fil-ligi.

**Decide**

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut u tichad it-tieni u l-hames talbiet attrici. Spejjez riservati ghal gudizzju finali.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur